MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 24/2006

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fil-25 ta' Jannar, 2006. Illi mill-premess jirrisulta li z-zwieg li kkontrattat fit-12 ta' Gunju, 1978, mal-konvenuta huwa null u bla effett u dan minhabba li:

(1) il-kunsens ta' xi wahda mil-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga;

(2) il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

(3) il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

(4) xi wahda mill-partijiet rabtet il-kunsens taghha ma’ kondizzjoni li tirreferi ghall-futur;

(5) xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma kenitx interdetta jew marida b’mohhha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

(1) tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fit-12 ta’ Gunju, 1978, hu null u bla effett ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta tal-konvenuta pprezentata fil-11 ta’ April, 2006 li permezz taghha eccepiet:

1. Illi l-esponenti taqbel li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tal-10

ta’ Gunju 1978 huwa null u bla effett fil-ligi izda mhux ghar-ragunijiet li huwa imputabbli lilha u ghaldaqstant m’ghandiex tbati spejjez ghal din il-procedura;

2. Illi l-kunsens tal-esponenti ghal dan iz-zwieg inkiseb b’qerq dwar kwalita tar-rikorrent li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga;

3. Illi l-kunsens tar-rikorrent kien ivvizjat b’difett serju ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghar-rikorrent li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4. Illi l-kunsens tar-rikorrent inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizewwga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

5. Illi ir-rikorrent rabat il-kunsens tieghu ma kundizzjoni li tirreferi ghall-futur;

6. Illi l-esponenti ser telabora dwar il-hajja matrimonjali kif ukoll dwar l-gherusija tal-partijiet ampjament fix-xhieda taghha tul il-mori tal-kawza.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Semghet lill-attur u rat l-affidavits tal-konvenuta u x-xhieda taghha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Gunju, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-12 ta' Gunju, 1978 a bazi ta' l-Artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenuta qablet ma' dan izda ghal ragunijiet imputabbli lill-attur; izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kapriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'kaz ta' ammissjoni u allura iktar u iktar f'kaz bhal dak odjern.

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (c) – il-kunsens inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta tieghu jista' jfixkel serjament il-hajja mizzewga;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti ikun inkiseb b'eskluzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Mill-provi mressqa mill-partijiet jidher li huwa qatt ma kien fidil fiz-zwieg u dahal ghalih bl-intenzjoni li ma jibdilx l-istil ta' hajja li kien jghix u cioe' ta' xalar minghajr kontroll. Ammetta li anke marad minhabba dan. Certament li ma kellu ebda intenzjoni li jidhol ghaz-zwieg kif kellu jkun.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti jesistu r-rekwisiti taht is-sub-artikoli (c) u (d) fuq imsemmija biex iz-zwieg jigi ddikjarat null.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fit-12 ta' Gunju, 1978 u tordna li ssir l-annotazzjoni mitluba mid-Direttur tar-Registru Pubbliku. L-ispejjes ikunu a kariku ta' l-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------